# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tas-Sitta w Għoxrin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 6 ta' Novembru 2013 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)*

***Preżenti***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |

***Skużat***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |

## 1. Talba.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## 2. Ħatra ta' Ambaxxatur / Ambaxxatriċi fil-Kunsill

Is-Sindku beda jitkellem dwar dan is-suġġett fejn qal li l-Kunsill ġie mistieden mid-Dipartiment sabiex jaħtar Ambaxxatur jew Ambaxxatriċi fil-Kunsill Lokali sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 8 ta' Novembru u li l-kandidat/a magħżul/a għandu jew għandha tkun bejn is-sittax u tmintax il-sena. Billi din in-notifikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kienet daqstant qasira l-Amministrazzjoni tal-Kunsill ħadet ħsieb biex tagħmel l-avvizi fuq il-ġurnali lokali kif ukoll l-avviżi fiż-żewġ Parroċċi. Madanakollu l-Kunsill ma rċieva l'ebda nomina minn żgħażagħ għal din il-kariga. Wara diskussjoni li saret fuq dan is-suġġett bejn il-membri preżenti u mistoqsijiet li tqajmu fost l-oħrajn il-kwalitajiet li għandhu jkollu dan il-kandidat, dwar il-pożizzjoni ta' dan iż-żgħażugħ jew zgħażugħa, jekk jistax jipproponi jew jissekonda mozzjonijiet waqt laqgħa tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-Dipartiment wieġeb għal mistoqsijiet imressqa mill-Amministrazzjoni tal-Kunsill u nforma lill-Kunsill li dawn għandhom jagħżlu dak il-kandidat li jaħsbu li l-aktar jista' jagħti kontribut fil-Kunsill filwaqt li dan l-Ambaxxatur jew Ambaxxatriċi jista' jipparteċipa f'diskussjoni tal-Kunsill waqt il-laqgħa bħal kull Kunsillier ieħor iżda ma jkollhux dritt għal vot. Bl-istess mod dan ifisser li din il-persuna ma jkollhiex dritt li tipproponi jew tissekonda l'ebda mozzjoni.

Għal benefiċċju tal-membri prezenti s-Segretarju qara l-ittra li rċieva mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar punti ta' klarifikazzjonijiet dwar is-suġġett imsemmi. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu aktar punti xi jressaq għad-diskussjoni s-Sindku ppropona li l-Kunsill jinforma lid-Dipartiment li l-Kunsill ma seta' jinnomina l'ebda kandidat għal din il-kariga minħabba li ma rċieva l'ebda nomina wara diversi avviżi fuq diversi ġurnali lokali u avviżi fiż-żewġ Parroċċi. Madanakollu hu jikkonferma l-parteċipazzjoni tiegħu għal konferenza stampa li ser issir fit-Teatru Rjali l-Belt nhar is-Sibt 9 ta' Novembru 2013. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-vot kien unanimu.

Il-laqgħa spiċċat fis-sitta nieqes kwart ta' filgħaxija (5.45pm)

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv